# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1202

KAZ NRU. 1455

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Nicholas Gauci

u

Gauci Borda & Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 1 ta' Gunju, 2001

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fis-7 ta' Lulju, 2000 b'riferenza MSP/TI/48/2000 biex dan it-Tribunal jiddeciedi dwar allegata tkeccija ngusta skond l-Art. 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-Dikjazzjoni tal-Kaz, il-kumpanija sostniet li minkejja li l-appellant mill-ewwel deher li ma kienx impjegat idejali, hi zammitu fl-impjieg meta skadiet il-probation tieghu; li matul iz-zmien flok irranga mar ghall-aghar u anke beda jirrapporta "sick" - sittax-il gurnata u nofs f'perijodu ta' tmien xhur.

Illi xi ghaxart'ijiem qabel il-festa tar-rahal tieghu, talab biex jiehu jum vacation leave fit-3 ta' Lulju li kienet l-

ghada tal-festa. Din it-talba ma setghetx tintlaqa' ghax ga kien gie approvat leave ghal delivery man iehor u l-appellant irrisponda li hu xorta wahda ma jkunx tajjeb ghax-xoghol l-ghada tal-festa minhabba x-xorb li jkun ha waqt il-festa.

Fil-fatt hekk gara u wara li ommu cemplet li ma jiflahx, hu baghat certifikat mediku li ma kienx tajjeb ghax-xoghol fil-jum tat-3 ta' Lulju u li l-ghada kien sejjer ikun tajjeb.

Ic-certifikat mediku jghid li meta gie nvistat, l-appellant kien qieghed ibati b'dardir kbir,remettar u diarrhoea (gastric flu).

Fix-xhieda tieghu it-tabib qal li d-dijanjosi ghamilha fuq informazzjoni moghtija lilu mill-pazjent; jinghad hawn li skond omm l-appellant, it-tabib rah ghall-habta tas-siegha vuoldiri bejn wiehed u iehor xi tmien sieghat wara li dahal id-dar mill-festa u allura t-tabib bilfors kellu joqghod fuq dak li qalulu; jinghad ukoll li l-effetti msemmija - hlief *diarrhoea* - huma sinjali ta' xorb zejjed kif allegatament previst mill-appellant stess meta ma nghatax il-jum ta' wara l-festa bhala leave.

Il-Ligi taghti protezzjoni kbira lill-impjegat u t-Tribunal Industrijali dejjem sostna li t-tkeccija hija pass serju u ma ghandux jittiehed qabel l-impjiegat jinghata twissijiet biex jikkoregi ruhu.

Dan pero' ma jfissirx li mpjegat m'ghandux ikun onest mall-principal tieghu, li ma jitfax piz zejjed fuq shabu mpjegati ohra u li bla ebda responsabbilta' jhalli lill-principal lampa stampa ghax mhux kapaci jimmodera ruhu fix-xorb - aktar u aktar meta minn qabel il-fatt, allegatament iddikjara li jekk ma jinghatax leave, xorta ma kienx sejjer ikun tajjeb ghax-xoghol.

Fix-xhieda tieghu l-appellant ikkonferma li huwa kien talab gurnata leave li pero' giet irrifjutata peress li ga kien gie approvat leave lil hadd iehor - lil certu Jesmond. L-appellant allura ghamel talba ohra - ta' jumejn - li pero' kienet tinkludi il-jum li ga kien gie rifjutat u sostna "irrifjutawli l-leave kollu li tlabt, anke dik il-gurnata zejda li jiena zidt."

Innega li hu kien qal li jekk ma jinghatax il-leave, xorta ma kienx sejjer ikun tajjeb ghax-xoghol pero' ammetta li kien mar ghall-festa u "ma kontx xrobt tal-ghageb".

It-Tribunal ihoss li l-appellant, seta' kien li mmodera x-xorb matul il-festa pero' jhoss li jidher li ma kienx jiflah ghal dak li xorob u allura wera nuqqas serjissimu ta' lejalta' lejn il-principal u lejn shabu meta ma kienx f'posizzjoni jahdem meta l-kumpanija kellha bzonnu.

Ghaldaqstant isib li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet gustifikata.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

----------------
**Emma Muscat**
**A/Segretarja**